*Kunsill Lokali Marsaskala*
228, Triq is-Salini, Marsaskala, Malta
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaskala**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 37**

**It-Tlieta 17 ta' Mejju 2022.**

Il-Kunsill Lokali Marsaskala għamel din is-seduta online u anke mill-Kunsill (live streamed) minħabba it-tixird tal-Covid 19 fis-6.00 ta' filgħaxija.

**PREZENTI:**

Mario Calleja – Sindku
John Baptist Camilleri- Kunsillier
Charlot Mifsud – Kunsillier
Ryan Portelli- Kunsillier
Mary Rose Mifsud- Kunsillier
John Schembri – Kunsillier
Patrick Camilleri-Kunsillier
Errol Cutajar – Kunsillier
Janice Falzon – Viċi Sindku

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**

**ASSENTI:**

**UFFIĊJAL PREZENTI:**

Josef Grech – Segretarju Ezekuttiv

**37.1** ***<u>Qari t'aploġija:</u>***

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li ma kienx hemm ittri t'apoloġija.

**37.2.1** ***<u>Kunsiderazzjoni u Approvazjoni tal-Minuti: Laqgħa 36 li saret Nhar it-Tlieta 19 ta' April2022:</u>***

**37.2.1.1** Il-Kunsillier is-Sur John B.Camilleri talab biex paġna 3 paragrafu 36.2.7 jinbidel u jinqara kif ġej:

*Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa fuq paġna 9 artiklu 35.7.1 fejn qal illi hu ma setax jattendi dan il-meeting rigward Triq San Gorg ftit l-isfel mil-Aquatic Waterpolo Club ħdejn id-dar il-ħamra.*

**37.2.1.2** Il-Kunsillier is-Sur is-Sur Charlot Mifsud ppropona l-approvazzjoni tal-minuti bħala dokument korrett u ssekonda il-Kunsillier Dr. Errol Cutajar. Il-votazzjoni kienet 8 favur, 0 kontra u 0 astenzjoni.

**Il-minuti ġew unanimament approvati hekk kif emendati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.**

**37.2.2** ***<u>Matters Arising tal-laqgħa 36 li saret nhar it-Tlieta 19 ta' April 2022.</u>***

**37.2.2.1** Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon staqsiet fuq paġna 5 paragrafu 36.2.14 fejn staqsiet x'kien sar mil-ftehim li kien sar mal-*Cleansing department* sabiex jassenjaw żewġ ħaddiema darbtejn fil-ġimgħa sabiex jaħslu l-promenade mal-lejl.

Is-Sindku qal li huwa jiftakar dan l-*agreement* u anke meta fil-preżent tkellem mas-Sur Deguara sabiex jassenjaw żewġ ħaddiema biex jikinsu l-*promenade* qalli u li fil-preżent ma jistax jassenja ħaddiema. Huwa qal li din il-materja ser tiġi diskussa iktar tard f'din il-laqgħa.

Is-Sindku qal li kienu bdew jaħslu l-*promenade* u anke ftit ilhu meta għamlet ix-xita tal-ħamrija u kien hemm il-bankijiet u railing kollha kannella u kienu ġew jaħslu bil-*power wash*.

Kien hemm qbil illi infittxu dan l-*agreement*.

- ***Il-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli daħal għal laqgħa fis-6.15pm.***

**37.2.2.1** Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon tkelmet fuq paġna 5 paragrafu 36.2.15 staqsiet jekk il-funtana hiex tagħna bħala jekk hux tal-Kunsill jew tal-*Public Works* peress li taf li d-DLG għamlu xi studju u ġabu l-informazzjoni mingħand il-*public works*.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li l-funtana hija tal-Kunsill.

Is-Sindku qal li din il-materja qeda fuq l-aġenda u ser tiġi diskussa iktar tard.

**37.2.2.2** Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Jancie Falzon staqsiet fuq paġna 7 paragrafu 36.7.1 fejn staqsiet jekk nistgħawx napplikaw għal iktar minn statwa waħda.

Is-Sindku qal li kienu ser jkunu minn żewġ skemi differenti waħda mid-DLG u l-oħra mil-Gal Xlokk pero` finalment tawna parir sabiex napplikaw għal statwa waħda.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet li kieku kienet tissuġerixxi l-istawa ta' San Spiridjun.

Is-Sindku qal li din kienet diġa restawrata fil-leġislatura l-oħra.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li diġa konna applikajna biex titressaq peress li kienet ser tinfetaħ it-triq iżda finalment ma stajniex għax kien oġġezzjoni is-Supertident tal-Wirt Kulturali.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal li bħala restawr kien sar madwar 8 snin ilhu.

**37.2.2.3** Il-Viċi Sindku staqsiet fuq paġna 8 paragrafu 36.9.3 jekk ġietx installata l-*isleeping policeman* fi Triq id-Daħla ta' San Tumas.

Is-Sindku wieġeb li iva.

Il-Viċi Sindku qalet li hemm bżonn issir oħra.

Is-Sindku qal li ha naraw kif imorru b'waħda biex nevitaw ħafna ilmenti mis-sidien tal-karrijiet tal-biċċiet tal-baħar umbgħad naraw iktar il-quddiem.

**37.2.2.4** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa fuq paġna 2 paragrafu 36.2.2 staqsa fuq il-parkeġġ tal-iskola jekk għandiex *feedback*.

Is-Sindku wieġbu illi l-*Planning Authority* laqgħu t-talba għal dan il-parkeġġ u ser issir laqgħa fit-30 ta' Mejju 2022 fil-11.00am

**37.2.2.5** Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri tkellem fuq paġna 2 paragrafu 36.2.2.3 fejn qal li min-naħa tad-dawl il-ġnien lest u l-fanali xegħlu pero` jrid jinbidel wieħed għax xi ħadd kissru.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li kien hemm erbgħa fanali n-naħa ta' wara tal-Kunsill fi Triq Santa Tereża li jridu jinbidlu pero` mhux ser jsiru bħal dawn tal-ġnien għaliex baxxi u dawk li ġabu stima fuqhom huma għoljin ħafna u qed jfittxu tip ta fanali oħra.

Is-Sindku qal li huwa tal-opinjoni li ma jintefqux ħafna flus għaliex anke r-*railing* jrid jinbidel. Huwa qal li sakemm jsiru l-fanali *issir floodlight*.

**37.2.2.6** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa fuq paġna 7 paragrafu 36.5.1 fuq l-van tal-eletriku fiex wasalna.

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega illi wasalna fil-proċess li l-offerent mgħażul jġib il-*performance guarantee* umbgħad għandu sitt xhur ċans sabiex jġib il-van.

Is-Sindku qal illi f'laqgħa preċedenti kien qal li kien tkellem mas-CEO ta' St Thomas Home fejn dawn jistgħu jimmeniġjaw il-van huma bħala xufier u bħala persuna li tieħu l-appauntamenti kemm għar-residenti ta' din il-*home* u kemm għar-residenti ta' Marsaskala.

Il-Viċi Sindku qalet li l-importanti illi ir-residenti jieħdu il-prijorita` għaliex il-van xorta huwa propjeta` tal-Kunsill.

Is-Sindku qal li din il-*home* għandha wkoll servizz ta' *day centre*.

Kien hemm qbil li issir laqgħa mas-CEO ta' din il-*home*.

**37.2.2.7** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq paġna 3 paragrafu 36.2.7 fejn qal li l-moll li qed jsir fi Triq San Ġorg għamluh għoli ħafna għal minn għandu ċatra jew dgħajsa żgħira. Huwa qal li l-istess ġara meta għamlu l-moll ta San tumas fejn umbgħad kellhom jgħamlu railing tal-ħadid.

Huwa kompla jgħid illi biex nevitaw il-problema li saret San Tumas huwa bagħat email lil Perit tal-Maritime fejn issuġerixxa biex issir tarġa it tul kollu bħal ma kienet qabel.

Is-Sindku qall li huwa nfatti tkellem mal-Perit Carmel Bonanno u anke mal-Perit Janice Borg u qablu mas-suġġeriment tal-Kunsillier John B.Camilleri u qed jistudjaw din il-proposta. Huwa kompla jgħid illi anke kellem lil Elbros fejn ser jgħati bil-konkos fuq il-biċċa simenta ta' quddiem il-moll.

Kien hemm qbil illi nerġu nibgħatu reminder.

**37.2.2.8** Is-Sindku tkellem fuq 36.2.2.2 fejn qal illi s-sistema tal-telefon il-ġdida ġiet implimentata iżda hemm xi problemi tekniċi u qedgħin jaħdmu fuqha sabiex tissolva din il-problema.

**37.2.2.9** Is-Sindku tkellem fuq 36.2.5 fejn qal illi l-*Fireworks festival* kien suċċess.

**37.2.2.10** Is-Sindku tkellem fuq 36.2.7 fejn qal li kellhom jgħamlu t-*tripods* sabiex jitmewwet il-mewġ li jitla fi Triq iż-Żonqor ħdejn id-dar il-ħamra.

**37.2.2.11** Is-Sindku tkellem fuq paġna 4 paragrafu 36.2.9 fejn qal illi l-arbli li ser jiġu nstallati fil-ġnien jridu jiġu minflokk 6 metri jiġu 8 metri għaliex inkelli jkunu baxxi u l-prezz ser jiżdied għal €496.

**37.2.2.12** Is-Sindku tkellem fuq paġna 6 paragrafu 36.3.2 fejn qal illi ir-rwol li ngħata lis-Sur Farrell huwa sabiex jirraporta l-ħsarat li hemm fil-lokal u dan qed jsir.

**37.2.2.13** Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa fuq paġna 4 36.2.8 rigward jekk il-Perit tal-Kunsill iċċekjat fuq l-istruttura tal-arblu li jrid jsir fuq il-bejt.

Is-Sindku qal li għad trid tiltaqa mal-Perit tal-kuntrattur.

**37.2.2.14** Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud tkellem fuq paġna 5 paragrafu 36.2.15 fejn staqsa fuq il-bżonn tal-*patching* ta Triq La Sengle.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li huwa kien diġa spjega illi biex issir din it-triq jridu jintefqu €60,000 u wara sena terġa tinżel.

Is-Sindku qal li ser jinbidel ic-Ceo ta' Infrastructure Malta u fl-laqgħa mhux uffiċjali qallu bil-bżonn li ssir din it-triq.

Id-diskussjoni tkompliet u ġie deċiż illi kif jiġi maħtur is-CEO ta' Infrastrucutre Malta niddiskutu miegħu sabiex issir Triq La Sengle.

**37.3** ***<u>Komunikazzjoni mis-Sindku:</u>***

**37.3.1** **<u>Biex tinħareġ sejħa għal part timer telephone operator taħt skala 16:</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li aħna għandna impjegata taħt l-iskema tas-CIES Scheme pero` bħala paga mhux daqshekk tajba u għaldaqstant nistgħu noħorġu sejħa taħt skala 16 pero' ma jkunx hemm *progression* għaliex ma jkollomx il-kwalifċi biex tiprogressa. Huwa kompla jispjega illi għalkemm ser tkun taħt skala 16 xorta l-Kunsill ser jkun qed iħaddem persuna bi bżonnijiet speċjali.

Il-Viċi Sindku qalet li allura nistgħu napplikaw għal persuna oħra taħt l-iskema tas-CIES u ake tkun tista tieħu t-telefonati tal-anzjani għas-servizz tal-van tal-eletriku.

Il-Kunsillier is-Sur Errol Cutajar qal li hu jaqbel mal-Viċi Sindku li ningaġġaw persuna oħra tas-CIES la mhux ta piż finazjarju fuq il-Kunsill.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li jekk terġa toħroġ skema oħra tas-CIES jista jgħamel *interviews* pero` jekk jara li l-ebda kandidad ma jkun eliġibli għal din il-pożizzjoni ser jkollu jirrifjuta l-kandidati.

Il-Kunsillier il-Perit John Schembri qal li ngaġġ fuq Skala 16 ser jkun ta piż finanzjarju fuq il-Kunsill, mentri jekk tibqa fuq l-iskema ma tkunx ta' piż fuq il-Kunsill.

Id-diskussjoni tkompliet illi la hemm lok li din il-persuna tingħatala opportunita` li tiprogressa fil-ħajja għanda tingħata l-opportunita`.

Il-Kunsill qabel li tinħareġ sejħa għal skirvana *part time* taħt skala 16

**37.3.2 Proposta mit-TcTc għal Summer Kids (35/1863/22/I)**

Is-Sindku qal li kien hemm żball fil-prezz u għaldaqstant għanda tiġi diskussa fl-laqgħa oħra bil-prezz aġġustat.

**37.3.3 Laqgħa Ġenerali tad-Douzelage fi Skofja Loka (35/1909/22/I):**

Is-Sindku spjega illi għal dawn l-aħħar sentejn il-Kunsil ma tellax rapreżentanza tiegħu darba minħabba l-covid u darba għaliex l-ispejjez kienu kbar. Huwa kompla jispjega illi din is sena l-laqgħa ser issir ġewwa Skofja Loka fi Slovenja mill-25 ta' Awwissu sat-28 ta' Awwissu.

Is-Sindku kompla jispjega illi jrid jkun hemm 5 *delegates* u *non delegates* li jridu jħalsu is-somma ta' €170 u dan apparti l-ispejjeż tat-travellingkull persuna. Huwa kompla jgħid li bħala delegazjoni jrid jkun hemm żewġ deligati uffiċċjali, rapreżentant tal-għalliema u żewġ rappreżentanti taż-żgħażagħ.

Kien hemm qbil lilli l-Kunsillier is-Sur Charlot Mifusd jkun ir-rappreżentant tal-għalliema, il-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli jakkumpanja u s-Sindku fil-laqgħa tal-Uffiċjali, u l-Kunsillier is-Sinjura Mary Rose Mifsud u s-Sur Mathtew Mallia jkunu ir-rapreżentanti taż-żgħazagħ.

Is-Sindku kompla jispjega illi din is-sena hemm bżonn li titla delegazzjon tajba peress li dalwaqt jmiss lilna sabiex ngħamlu l-AGM u din tinvolvi ħafna xogħol. Huwa spjega wkoll fħalfejn għażel lis-Sur amtthew Mallua għaliex dan huwa żagħżugż ħabbrieki u cert li ser ikun jista jagħti daqqa t'id fix-xogħol li tirrikjedi l-AGM meta delegazzjoni ta' 150 parteċipant iżżur Marsaskala. Huwa kompla jispjega illi l-iskrivani tal-Kunsill is-Sinjura Rebecca Micallef u is-Sinjura Claire Attard ser ikunu involuti fejn jidħol xogħol klarikali fil-qasam tad-Douzelage.

**37.3.4 Żjara mill-Onor Owen Bonnici (35/1875/22/I):**

Is-Sindku qal illi l-Onor Owen Bonnci talab sabiex jiltaqa mal-Kunsilliera nhar it-31 ta' Mejju 2022 fis-7.00pm.

**37.3.5 Laqgħa mas-Sergetrju Parlamentari Alicia Bugeja Said (35/1948/22/I):**

L-Onor Alicia Bugeja Said talbet sabiex tiltaqa mal-Kunsilliera nhar is-Sibt 4 ta' Ġunju 2022 fl-10.30.

**37.3.6 Binja Perikoluża fuq bankina għal minn juża zebra cross Marsaskala (35/1940/22/I):**

Is-Sindku qal illi r-ristorant Ta Ninu fi Triq is-Salini għamel struttura tal-injam quddiem il-ħanut u qal li dan għamel din l-istruttura billi applika għall-permessi kollha neċessarja. Huwa qal illi fl-opinjoni tiegħu il-pilastri ġew ftit koroh u goffi u għalhekk meta persuna ġibditlu l-attenzjoni mar fuq il-post u mill-ewwel kellem s-sid tall-istabilment biex mill-akatar fis possibli jirrenġah. Fil-fatt il-propretarju aċċetta l-proposta u kellem il-Perit biex isir aġġustament fuq il-proposta billi l-pilastri jiġu rtirati l-ġewwa fejn qal li kopja tal-pjanta ġiet ipreżentata l-Kunsill.

Huwa komla jispjega illi l-*belishia crossing* ġiet ġo din l-istruttura fejn dan l-istabilment ser jdaħħala l-ġewwa madwar tlett piedi u l-*belishia lights* tiġi quddiem il-pilastru. Huwa qal li dan ser jżejjiena bi xtili bħal ma hemm xejn barra minn Malta. Huwa wera x-xewqa li eventwalment anke l-istabilmenti ta' Triq i-Xatt jżejnu quddiem l-istabilementi tgħahom.

Is-Sindku qal li kieku l-bankina ta' Triq ix-Xatt tiżdied kurdina oħra sabiex l-imwejjed u siġġijiet jsiru man-naħa ta ġewwa u jitħalla l-passaġġ man-naħa ta' barra.

Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar qal illi jekk l-istruttura tiġi ritrata lura u l-*belishia crossing* tiġi viżibli għal vetturi u l-passaġġ jibqa miftuħ ma jarax li għandu jkun hemm problema. Huwa qal li dan il-ħanut partikolari qiegħed quddiem *zebra crossing* u improtanti li jiġu aderiti il-kundizjonijeit kollha għas-sewwieqa u qal ukoll li peress faċċata hemm bankina wiesgħa għar-residenti, jkun possibli li din il-bankina tiġi sagrifikata biċċa minnha pero` importanti li kollox jkun hemm bil-permess u ma jabbużawx mill-permess.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi f'dan il-każ partikolari illi jekk ser jitpoġġew l-imwejjed fejn hemm il-*construction build out* peress li hemm *zebra crossing* minn ha jkun qed jsuq hemm ċans li ma jarax minn ser jaqsam.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal li mportanti li jkun hemm kollox skond il-kundizzjonijiet tal-*lands* u *planning authority*. Huwa qal ukoll li hemmek hemm l-appartamenti li importanti li ma jkunx hemm xi tip ta' ostakoli għal pedestrians. Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal li dan mhux kompitu tal-Kunsill li jara jekk dan il-permess jingħatax jew le imma hemm l-entitajiet kompententi u jaraw li jaderrixxu il-liġi.

Il-Kunsillier is-Sur Errol Cutajar qal li improtanti li bħala regola fil-lokal tagħna jingħata dejjem prijorita` li ma jittieħdux parkeġġi.

Is-Sindku qal li mhux ser jittieħed xejn.

Is-Sindku informa lil Kunsilliera illi issir xi tip ta' *bull nose* taħt il-bridge sabiex fil-maltemp ir-ramel ma jibqax dieħed fit-triq. Huwa qal li apparti dan ser jitranġaw il-konok li hemm fit-triq kif ukoll fuq il-bridge fejn il-monument ta-Douzelage. Is-Sindku staqsa lil kumplament tal-Kunsilliera fuq din l-istruttura.

Il-Kunsilliera qablu li jekk din l-istruttura tiġi irtirata l-ġewwa u jkun hemm sigurta kemm għal minn qed jiekol u kemm għal minn ikun qed jaqsam kif ukoll aċċess għal minn ikun qed jimxi ma jsibux oġġezzjoni. Filwaqt il-Perit John Schembri ma xtaqx jikkummenta fuq il-każ.

**37.3.7 <u>Reverse Vending Machines in your locality (35/1922/22/I):</u>**

Is-Sindku qal li dan huwa l-*beverage container refund scheme* fejn qal li din il-vending machine fijha 4 metri b'metru u issuġġerixa illi tigi wara l-monument taħt il-Ġnien David Vella fi Triq iż-Żonqor u l-oħra ħdejn il-latrina ta' Triq is-Salini.

Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar qal li mhux tant sabieħa li tiġi wara il-monument.

Id-diskussjoni tkompliet li forsi issir viċi il-pixxina Ġie ukoll propost li issir fil-passaġġ li jgħati għal-bandli.

Is-Sindku qal li ser jiltaqgħa ma din il-persuna il-Ġimgħa 20 ta' Mejju fid-9.00am u stieden lil Kunsilliera sabiex jiġu ukoll.

**37.3.8 <u>SPI/SCI/5/2022 Finanzjament għal xogħolijiet ta' manutenzjoni fuq funtani fil-lokalitajiet f'Malta u Ghawdex (35/1960/22/I):</u>**

Il-Kunsill qabel illi għal din l-iskema napplikaw għal-funtana ta' Ġnien Sant'Anna

**37.3.9 <u>Rapport mingħand il-Perit fuq triq alternattiva f'Marsaskala:</u>**

Il-Viċi Sindku ġibdet l-attenzjoni illi konna ħejjejna rapport fuq triq ulterjuri f'Marsaskala pero` qatt ma għaddejnih Kunsill.

Id-diskussjoni kompliet bejn il-Kunsilliera.

Il-Kunsill qabel li jinstab dan ir-rapport u issir laqgħa għal din il-materja biss u nistidnu lil-Perit u l-laqgħa ma ssirx online.



**37.3.10** Binja tal-Kunsill

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa fiex waslet il-binja tal-Kunsill.

Is-Sindku qal illi fadal il-lift u anke waslet l-għamara tal-uffiċċini u persważ illi sa jum Marsaskala tkun letsa.

Kien hemm diskussjoni illi sa Settembru ser jkun tard sabiex jitlesta ix-xogħol kollu li fadal biex jkollna id-dawl peress li sa Settembru ma jkunx hemm l-air conditions sabiex jaħdmu l-iskrivani. Kien hemm suġġeriment illi jekk hemm bżonn il-kuntrattur jġib generator u portable air conditions.

Is-Sindku qal li l-kuntrattur ġie frodat mis-*supplier* li li kellu jġib il-*lift* mingħandu u għaldaqstant kellhu jmur għand *supplier* ieħor.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qall illi l-kuntrattur għandu japplika għat-*temporary supply.*

Ġie spjegat illi minn waħħal l-*air conditions* fil-Kunsill mhux ser jaċċetta illi jqabbad l-*air conditions* fuq it-*temporary supply* jekk it-*temporary supply* ma jkolliex biżżejjed vultaġġ.

Kien hemm qbil sabiex nipressaw lil kuntrattur fuq it-*temporary supply*.

**37.3.11** **Tender tal-iskart:**

Is-Sindku qal li attenda għal laqgħa tar-reġjun fejn ser jinħareġ *tender* wieħed tal-iskart fejn spjega illi issa ser jkun hemm kuntrattur wieħed għal-Kunsill kollha tar-reġjun tagħna u l-iskeda tal-iskart ser tinbidel. Huwa kompla jispjega illi din ser tkun skeda Nazzjonali u ser tibda f'Ottubru, huwa qal li għalkemm it-tender tal-Kunsill jgħalaq is-sena id-dieħla aħna nistgħu niddeċiedu illi nissieħbu issa minn Ottubru.

Is-Sindku spjega l-iskeda kif ġejja:

It-Tnejn l-Erbgħa u l-Ġimgħa ġbir tal-organiku.

It-Tlieta u s-Sibt il-borsa sewda.

Il-Ħamis il-borża riċiklata.

Il-Ħadd ma jsirx ġbir.

Is-Sindku qal illi it-tbattil tal-*bins* tal-*promenade* il-Ħadd ma jistgħux jitbatlu f'din l-isekma u spjega illi aħna kellna ftehim speċjali fuq il-*bins* tal-*promenade* biex jitbatlu il-Ħadd, fejn it-tbattil qiegħed kemm fit-tender tal-iskart u kemm f'tal-knies. Huwa tkellem mal-kuntrattur tal-iskart u tal-knies fejn ftehmu illi l-kuntrattur tal-iskart jbattal il-*bins tal-promenade* minn ħdejn il-Knisja sa ħdejn l-ekx Jerma u il-kuntrattur tal-knies jbattal mill-pixxina sa fejn id-dar il-ħamra, kif ukoll min ħdejn Villa Sant'Anna sa fejn is-San Tomaso Restaurant.

Is-Sindku qal li sas-sena 2026 il-kolletturi jridu joperaw bit-trakkijiet ġodda li jkunu Euro 6. Huwa qal illi it-tnejn ser jinġabar ukoll il-metal u plastik flimkien mal-organic, l-erbgħa ser tinġabar il-karta ukoll flimkien mal-organic u l-ħamis jinġabar metal u plastic.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li il-kuntratt tgħna huwa validu sa Settembru 2023 u għaldaqstant irridu nonoraw il-kuntratt.

Is-Sindku qal li jekk il-kuntrattur tagħna jkun wieħed milli ħa t-tender ma tgħamilx sens li nibqu miegħu bil-kuntratt l-antik.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa kemm hu il-kuntratt il-ġdid għaliex tgħamel differenza.

Is-Sindku qal li għadu ma jafx.



Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar qal li jekk ikun hemm qbil bejn iż-żewġ partijiet jista jiġi tterminat il-kuntratt.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi jekk din l-iskeda toħroġ Nazzjonali, l-kuntrattur ma jistax jiġbor l-iskart tagħna skond l-iskeda li għanda fil-preżent.

Kien hemm qbil illi nibgħatu dan id-dokument illi is-Sindku għandu fuq din l-iskeda il-ġdida tal-iskart lil Kunsilliera

**37.3.12** **<u>Pompa tal-Pertol Triq Sant'Antnin:</u>**

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal li l-pompa tal-petrol waslet sabiex tiftaħ u hemm bżonn li jsir *traffic management* aħjar peress li anke faċċata hemm id-dħul tal-kumpless tal-wasteserv u l-park. Huwa kompla jgħid li din kienet waħda mid-diskussjonijiet li kienu għamlu fuq il-permess ta' din il-pompa illi jsir *traffic management* tajjeb qabel ma tinfetaħ din il-pompa u issir xi traġedja.

Id-diskussjonij tkompliet għaliex minn ikun ħiereġ minn Marsaskala lejn Ħaż Żabbar ma jistax jikser lejn il-pompa.

Kien hemm qbil li nitolbu lit-Tmalta sabiex issir *traffic management* sew qabel ma tinfetaħ din il-pompa.

Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lil Kunsilliera illi fl- 1 ta' Ġunju 2022 fid-9.00am hemm it-trattazjoni tal-*extention* tal-pompa tal-petrol u jistgħu jattendu pero` ma jistgħux jitkelmu.

**37.3.13** **<u>Laqgħa mal-Kunstrattur tal-Knies.</u>**

Is-Sindku spjega illi kelna laqgħa mal-kuntrattur tal-knies fejn ftehmna illi jkun hemm persuna li jaqta il-ħaxix ta' fuq il-bankini filwaqt li qed naħdmu sabiex nqasmu t-toroq aħjar. Huwa qal li saret talba sabiex jkollna żewġ ħaddiema oħra tal-komunita` sabiex jikinsu it-trooq biss pero` sa issa għadna ma sibniexx, pero` qed naħdmu fuqha.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li hemm differenza jekk hux ser jkollna żewġ ħaddiema *extra* għaliex jiddependi kif ser tqassam it-toroq.

**37.3.14** ***<u>Laqgħat tas-Sindku:</u>***

Is-Sindku informa lil Kunsillier bil-laqgħat li kellhu.

37.3.14.1 Laqgħa mas-Sinjura Elizabeth Aquilina u Dennis tal-MTA rigward *maintenance* fil-latrini u tindif u żebgħa mar-*railing.*

37.3.14.2 Laqgha mas-Sinjura Alexia Fenech MTA biex il-fajtata tiġi *blue flag*, saru slielem ġodda u anke żebgħu xi parkeġġi

37.3.14.3 Laqgħa mas-Sur Stephen Bonnello *Public works* fuq il-bankina ta Triq iż-Żqonor minn ħdejn id-dar il-ħamra sal-postazzjoni tal-Puluzija u anke kien hemm il-Perit Zerafa Boffa sabiex tibaxxa u tinbidel il-bankina.

37.3.14.4 L-Onor Stefan Zrinzo kien tkellem mas-Sindku sabiex isir taraġ fi Triq San Nikola li ilna nitolbu għal ħafna snin.

37.3.14.5 Is-Sindku tkellem ukoll mal-Perit Noel Gauci peress li qed issir it-Triq San Nikola mat-Triq id-Difiża Kostali skond l-*alignment* ħallew il-ħajt tas-sejjieħ kollhu mwaqqa u l-Perit niżel fuq il-post u flimkien mar-residenti tkellmu u ser jibnu ukoll il-ħajt tas-sejjieħ.

Is-Sindku kellem lil Perit Noel Gauci fuq il-kurduna li kienet tkissret f'San Tumas meta tidħol lejn ir-ramla għax mhux mimlija bil-konkos.



**37.3.15** **<u>Żieda fir-rata tal-kuntrattur tal-bankini Catbros Ltd:</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal iili l-materjal għola talab u l-kuntrattur talab sabiex il-prezzijiet jiġu skond il-prezzijiet tal-lum. Huwa kompla jispjega li l-Perit qalet li ż-żieda li qed jitlob hija ġustifikabli.

Kien hemm qbil dwar dan u ser issir addendum tal-kuntratt.

**37.4** ***Twegibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera:***

Ma kien hemm l-ebda mistoqsija.

**37.5** ***Rapporti:***

**37.5.1** **Rapport ta Kull Kwart Nru 1 – Jannar sa l-aħħar ta' Marzu 2022**

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega ir-rapport ta' kull kwart.

**37.6** ***Items oħra ta xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkun meħtieġ:***

Ma kienx hemm items oħra.

**37.7** ***Korrispondenza:***

**37.7.1** **Varjazzjoni fil-prezz tal-arbli.**

Din ġiet diskussa iktar kmieni.

**37.7.2** **Swings at Triq is Salvja.**

Is-Sindku qal li hemm biżżejjed wiesa sabiex issir bandla oħra.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li fil-preżent applikajna biex jinbidel it-tapit u l-istruttura li għandha bandla waħda sabiex issir bandla oħra, trid tibdiel l-sitruttura kollha għaliex l-istruttura kif prodotta ikollha ċ-ċertifilazzjoni neċessarji u allura ma tista tiġi modifikata.

Il-Kunsill qabel li niktbku *lil Malta standards authority* u naraw jekk nistgħux u nistaqsu lil Perit ukoll.

**37.8** ***Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti:***

**37.8.1** Is-Segretarju Eżekuttiv preżenti dawn il-pagamenti li daħlu tard

- Catbros Ltd invoice no 013/2022 li tammonta għal €17,095.14. Il-Kunsill qabel li din titħallas kif ikkolna iċ-ċertifikazzjoni tal-Perit.
- WM Environmontal Ltd invoice no ext01 li tammonta għal €200.60
- The Ironmonger invoice no SA174526 li tammonta għal €25.70

Is-Segretarju Eżekuttiv preżenta il-*petty cash* ta' Marzu u April 2022

***Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ipprona l-approvazzjoni tal-pagamenti u l-Kunsillier Dr Errol cutajar issekonda. Il-votazzjoni kienet 9 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni.***

**37.9** **Mozzjonijiet:**

**37.9.1** **Mozzjoni mressqa mis-Sindku- s-Sur Mario Calleja u issekondata mill-Kunsillier is-Sur John B Camilleri (095 – 27/4/21):**

*"Jipproponi biex nitolbu permess mid-Dipartiment tal-Kunsill Lokali biex nkunu nistgħu nagħmlu aġġustament fit-tender tal-kenniesa u almenu jizdiedu zewġ persuni oħra. Id-domanda tat-tindif qiegħda izjed ma tmur tikber u huwa impossibbli li erba sweepers ilaħqu mal-140 triq inkluz qtugħ tal-ħaxix. Ma ninsewx il-Promenade li jrid attenzjoni kuljum. Jekk dan ma jistax isir allura nitolbu li jibgħatu zewġ ħaddiema tal-Gvern biex almenu jieħu ħsieb l-up keep tal-promenade biss ħalli l-erba kenniesa tagħna jikkonċentraw biss fuq it-toroq. "*

Din il-mozzjoni ġiet irtirata

**37.9.2** **<u>Mozzjoni mressqa mis-Sindku- s-Sur Mario Calleja u issekondata mill-Kunsillier is-Sur John B Camilleri (096 – 28/4/21):</u>**

*"Jipproponi li peress li Ġnien Antoine Randich ta sikwit qed ikun hemm qtugħ ta' dawl jissuġerrixxi li jew issir sistema ġdida bħal ma saret ħdejn il-binja amministrattiva l-ġdida jew isiru xi żewġ reflectors extra mal-arbli tad-dawl tal-Gvern biex meta jinqata id-dawl ir-residenti ma jispiċċawx fi dlam ċappa. ''*

Il-Kunsill qabel unanimament li ngħamlu żewġ reflectors

**37.9.3** **<u>Mozzjoni mressqa mis-Sindku- s-Sur Mario Calleja u issekondata mill-Kunsillier is-Sur John B Camilleri (097 – 4/5/21):</u>**

*"Jipproponi sabiex issir crash barrier fi Triq Sant'Antnin qabel id-dħul ta' Triq iż-Żinzell, peress li l-vetturi li jkunu ġejjin min-naħa tal-impjant lejn iċ-Ċentru ta' Marsaskala qedgħin jitilfu l-kontroll u jispiċċaw ġewlla l-ħajt tal-għalqa. ''*

Kien hemm qbil li niktbu lil Tmalta għal *crash barriers jew chevron lights*.

**37.9.4** **<u>Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier - s-Sur John B Camilleri u issekondata mis-Sindku (098 – 5/5/22):</u>**

*"Jipproponi sabiex issir bankina ġdida fi Triq La Sengle quddiem garaxx nru 54, permess li tinsab miksura u qed nistennew li jweġġa xi ħadd. Ritratt Anness. ''*

Il-Kunsill qabel unanimament.

**37.9.5** **<u>Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier - s-Sur John B Camilleri u issekondata mis-Sindku (099 – 5/5/22):</u>**

"Jipproponi sabiex inqabdu lil Perit sabiex jgħamel pjan ta' kif ħa ngħamlu dak il-luzzu u niprivaw li sa din is-sena jkun lest. ''

Kien hemm qbil li issir laqgħa mal-Perit, il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri u s-Sindku.

**37.9.6** **<u>Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier - s-Sur John B Camilleri u issekondata mis-Sindku (100 – 5/5/22):</u>**

"Jipproponi sabiex il-Kunsill isemmha leħnu u jgħamel dak kollu possibli sabiex jitlesta x-xogħol mibdi u abbandunat fil-Bidni. ''

Is-Sindku qal li tkeċċa il-kuntrattur u ġej kuntrattur ieħor.

**37.10** **<u>Tmiem il-laqgħa u d-data tas-seduta li jmiss:</u>**

L-Aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fid-9.00pm. Il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss ser issir Nhar it-Tlieta 21 ta' Ġunju 2022 fis-6.00pm.

Ikkonfermat illum 17 ta' Mejju 2022.

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMAT |
| _______________ | _______________ |
| **Josef Grech** | **Mario Calleja** |
| **Segretarju Ezekuttiv** | **Sindku** |